# Ix-Xogħol Irreġistrat: Diċembru 2023

NR 088/2024 Data tal-Ħruġ: 14 ta' Mejju 2024

*F'Diċembru 2023, l-impjiegi full-time żdiedu b'7.6 fil-mija, filwaqt li dawk part-time bħala impjieg ewlieni żdiedu b'4.0 fil-mija meta mqabblin ma' Diċembru ta' sena qabel.*



Tagħrif amministrattiv mogħti minn Jobsplus juri li, fi żmien sena, il-provvista tal-ħaddiema (esklużi l-part-timers) żdiedet b'7.6 fil-mija sabiex laħqet 283,746 (ara nota nru 5 fil-metodoloġija). Dan kien ġej l-aktar minn żieda, sena għal sena, fl-impjiegi rreġistrati full-time (20,088) u tnaqqis fil-qgħad irreġistrat (91) (Tabella nru 1).

**Ix-Xogħol Full-Time Irreġistrat**

F'Diċembru 2023, l-Attivitajiet ta' servizz amministrattiv u ta' sostenn (NACE 77-82, 3,551) u l-Attivitajiet ta' servizz tal-akkomodazzjoni u tal-ikel (NACE 55-56, 3,528) kienu l-aktar żewġ oqsma li wasslu għaż-żieda fix-xogħol full-time, meta mqabblin ma' Diċembru 2022 (Tabella nru 1). Ix-xogħol full-time irreġistrat fis-settur privat tela' bi 19,317-il persuna għal 230,983. L-impjiegi fis-settur pubbliku żdiedu b'771 għal 51,808 (Tabella nru 2).

L-għadd ta' nies irreġistrati li jaħdmu għal rashom full-time tela' bi 818 meta mqabbel ma' Diċembru 2022, mentri l-għadd ta' persuni rreġistrati bħala impjegati żdiedu bi 19,270. L-irġiel li jaħdmu full-time żdiedu b'7.9 fil-mija, filwaqt li n-nisa żdiedu b'7.3 fil-mija, fuq is-sena ta' qabel (Tabella nru 2).

**Ix-Xogħol Part-Time Irreġistrat**

F'Diċembru 2023, l-impjiegi rreġistrati bħala part-time żdiedu b'6.5 fil-mija meta mqabblin mal-istess xahar tal-2022. L-oqsma li l-aktar wasslu għal din iż-żieda kienu l-Attivitajiet professjonali, xjentifiċi u tekniċi (NACE 69-75, 767) u s-settur tat-Trasport u l-ħażna (NACE 49-53, 572) (Tabella nru 3).

L-għadd ta' nies li kellhom kemm impjieg part-time kif ukoll ieħor full-time laħqu il-41,553, żieda ta' 8.6 fil-mija meta mqabbel mal-istess xahar fl-2022. Il-persuni li kellhom biss impjieg part-time kienu jammontaw għal 33,938, żieda ta' 4.0 fil-mija meta mqabbla mal-istess xahar fl-2022 (Tabella nru 4).

## Ċart nru 1. Persuni rreġistrati b'impjieg full-time jew part-time bħala impjieg ewlieni, bix-xahar

